

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2012/1/UE

tas-6 ta' Jannar 2012

li jemenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-prodott tar-raba' *Oryza sativa*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi:

- (1) Tagħrif u studji riċenti mill-Istati Membri wera l-hteġa li jiġi introdott livell limitu għall-preżenza ta' pjanti infettati minn *Fusarium fujikuroi* fl-għelieqi fejn isir il-prodott tar-raba' *Oryza sativa*, minħabba li *Fusarium fujikuroi* tikkawża danni lir-ross u mhijiex suxxettibbli għal trattament biżżejjed bil-prodotti disponibbli għall-protezzjoni tal-pjanti. Dawk l-istudji wrew ukoll il-hteġa li titnaqqas il-preżenza ta' pjanti selvaġġi jew qmugħ ħomor fl-għelieqi fejn isir iż-żerriegħa ta' *Oryza sativa*, minħabba li skont il-livell limitu attwali l-ġabra u l-kwalità tar-ross naqsu b'mod sinifikanti.
- (2) Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi introdott livell limitu għall-preżenza ta' pjanti infettati minn *Fusarium fujikuroi*, fl-għelieqi fejn isir iż-żerriegħa ta' *Oryza sativa* u l-livell limitu għall-preżenza ta' pjanti selvaġġi jew qmugħ ħomor, fl-għelieqi fejn isir iż-żerriegħa *Oryza sativa*, għandhom jitnaqqsu għall-produzzjoni tal-kategorija ta' żerriegħa ċertifikata. Dawk il-livelli limitu għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-istudji li saru mill-Istati Membri.
- (3) Għaldaqstant id-Direttiva 66/402/KEE għandha tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

#### Emendi għad-Direttiva 66/402/KEE

Fl-Anness I tad-Direttiva 66/402/KEE, il-punt 3.A huwa sostitwit b'dan li ġej:

<sup>(1)</sup> ĠU L25, 11.7.1966, p. 2309/66.

"A. *Oryza sativa*:

L-għadd ta' pjanti li jingħarfu li ovvjament huma pjanti infettati minn *Fusarium fujikuroi* ma għandhomx jeċċedu:

- 2 għal kull 200 m<sup>2</sup> għall-produzzjoni ta' żerriegħa bażika,
- 4 għal kull 200 m<sup>2</sup> għall-produzzjoni ta' żerriegħa ċertifikata, l-ewwel ġenerazzjoni,
- 8 għal kull 200 m<sup>2</sup> għall-produzzjoni ta' żerriegħa ċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni.

L-għadd ta' pjanti li jingħarfu li ovvjament huma pjanti selvaġġi jew pjanti qmugħ-ħomor ma għandhomx jeċċedu:

- 0 għall-produzzjoni ta' żerriegħa bażika,
- 1 għal kull 100 m<sup>2</sup> għall-produzzjoni ta' żerriegħa ċertifikata, l-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni,"

### Artikolu 2

#### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali, li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

### Artikolu 3

#### Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4***Indirizzati**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---